minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com



*Il-'Bayzo' fl-ewwel snin tal-karriera mużikali tiegħu*



*Kantanti magħrufa f'ritratt ta' tifkira mal-Bayzo fis-serata li matulha ngħata l-Midalja Ġieħ San Pawl il-Baħar*

# Il-'Bayzo' onorat

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju, l-Istitut Soċjo-Kulturali ta' San Pawl il-Baħar onora lill-kantant u mużiċista bravu Tony Camilleri 'il-Bayzo' bl-għoti tal-Midalja Ġieħ San Pawl il-Baħar f'ċerimonja sinifikattiva fil-knisja ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ .

Dan l-unur jixraq sew lill-'Bayzo', il-kantant b'leħen uniku fejn l-artistrija tiegħu ma telgħetx għal rasu, anzi dejjem baqa' l-bniedem umli u riservat li kien minn dejjem.

Il-bosta kanzunetti li interpreta fosthom *L-ewwel Tfajla li Ħabbejt* li harigħa mal-Malta Bums (Ray Agius/Alfred C.Sant) u *Qalu li Raw* mill-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija 1986, is-sehem tiegħu fir-rock operas *Dream?* – l-ewwel *rock opera* Maltija mtellgħa fit-Teatru Manoel fl-1974, *Ġensna* u oħrajn jixhdu l-kwalitajiet kbar tiegħu fil-vuċi li ssaħħrek. Id-dehra tiegħu fl-aħħar edizzjoni ta' *Rockestra* kienet milqugħa b'entużjażmu.

F'din il-preżentazzjoni, il-kantanta veterana Mary Spiteri fakkret il-karriera brillanti tal-'Bayzo' f'diskors li għamlet fejn semmiet kif il-'Bayzo', li twieled u għex San Pawl il-Baħar, flimkien ma' Freddie Portelli, l-aħwa Paul u Mario Perrone, Tony Muscat u Tony Bartolo kienu jiltaqgħu fl-għelieqi tal-inħawi u joqogħdu jdoqqu u jkantaw.

Minn hemm twieled il-Malta Bums li oriġinarjament l-isem kien The Bums. Ma' The Malta Bums, il-'Bayzo' kien għamel sitt xhur jgħix u jdoqq fil-Ġermanja fejn hemm oriġinat il-*Viva Malta* lejn l-aħħar tal-1967.

Mary Spiteri tat tislima lil diversi suċċessi tal-'Bayzo', fosthom meta wara li kien infired minn The Malta Bums, kien għaqqad il-grupp tiegħu 'Bayzo's Klikka', attiv f'bosta lukandi u *nightclubs.*

Hi semmiet is-sehem tiegħu f'bosta festivals u *musicals.* Qalet ukoll li Tony Camilleri kellu esperjenza kbira meta kien ingħata parti fil-film *Cristoforo Colombo* li partijiet minnu nġibed f'Malta u anki fir-Repubblika Domenikana. Hawn il-'Bayzo' kien għamel sitt ġimgħat fuq dan is-sett.

Iċ-ċerimonja saret fil-preżenza tal-familja ta' Tony Camilleri kif ukoll kollegi kantanti, mużiċisti u ħbieb tal-qalb, fosthom Freddie Portelli, Mary Spiteri, Mary Rose Mallia, Renato, Joe Cutajar, Domenic Galea, Paul Giordimaina, Paul Abela u oħrajn.

Il-Midalja Ġieħ San Pawl il-Baħar ġiet preżentata lill-'Bayzo' mis-Segretarju Parlamentari Josè Herrera.

# Xtreme Metal Assault 2013 Summer Festival

It-tħejjijiet għall-*Xtreme Metal Assault,* is-sitt wieħed minn kemm ilu jittella', jinsabu fl-aqwa tagħhom biex nhar is-Sibt li ġej, 13 ta' Lulju, jilqa' 15-il *band* lokali li għandhom jattiraw lis-segwaċi tal-mużika *metal* u l-ġeneri tagħha.

Il-mużika *metal* – ir-*rock* estrem li għandu l-għeruq tiegħu fi ħdan il-mużika *rock'n'roll* tal-ħamsinijiet, baqa' b'saħħtu tul is-snin, l-istess għall-fergħat ulterjuri f'sub-ġeneri fix-xenarju *metal.* Il-xena *metal* internazzjonali kisbet momentum b'festivals kbar li jattiraw l-eluf.

Ix-xena lokali mhix wisq differenti fl-attività, għalkemm fuq skala iżgħar li tħaddan fiha aktar minn 45 *metal band* attivi. Minn żmien għal ieħor, dawn il-*bands* jiffaċċjaw problemi kbar, mhux biss finanzjarju iżda wkoll fejn dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-provi u anki post fejn dawn idoqqu quddiem il-pubbliku.

Dan qed iġegħilhom ifittxu alternattiva oħra u ġeneralment il-post ma jkunx addattat għat-tip tal-mużika li jdoqqu. B'danakollu, ix-xena għadha b'saħħitha mhux biss fil-gigs li jinżammu kważi darba fix-xahar 'l hawn u 'l hemm u ġieli aktar, iżda fil-ħruġ ta' diski u anki s-sehem f'diversi festivals jew *tours* barra minn pajjiżna.

Protagonist ewlieni li jippromwovi dawn il-*bands* u l-ġeneru *metal* u dak li jikklassifika fih hu l-Xtreme Metal Assault (X.M.A.), festival simili ta' dawk ta' barra f'xenarju iżgħar. Din is-sena se jkun is-sitt edizzjoni li qed jittella', avveniment li nżamm għall-ewwel darba fl-2007 u baqa' konsistenti, tneħħi għall-2009 meta ma kienx sar.

L-Xtreme Metal Assault 2013 se jinkludi 15-il *band* li se jdoqqu fil-bitħa tal-Ħabs il-Qadim f'Kordin. Il-*bands* li se jdoqqu fuq żewġ *stages* f'total ta' disa' sigħat bla waqfien huma dawn: Fallen Icon, Ashes for nought, Ascendor, Carnivorous horde, Shadowborne, In the name of, War trigger, X-vandals, 26otherworlds, Repugnance, Insurgence, Beheaded, Loathe, Weeping Silence, u 12th Ode.

Se jkun hemm ukoll *stands* tal-ikel bi prezzijiet tajba. Barra dan, l-organizzaturi ħasbu wkoll għas-sigurtà u saħħa. Il-bibien mistennija jiftħu fl-4.30 p.m. u l-ewwel *band* se ddoqq fil-5 p.m. Wara l-avveniment se jkun hemm trasport għal kull lokazzjoni. Id-dħul hu ta' €15.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq is-sit uffiċjali *www.xtrememetalassault.com* jew minn fuq il-paġna ta' facebook *Xtreme Metal Assault 2013.*

